

31993R1938

20.7.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 176/12

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1938/93
tad-19 ta' Lulju 1993**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3002/92 b'mod partikolari fir-rigward ir-rilaxx tal-garanzija depożitata bl-iskop ta' l-esportazzjoni ta' prodotti ta' intervent

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2046/92 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 12(4) u 26 (3) tiegħu, u għad-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fir-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli,

Billi l-Istati Membri għandhom jingħataw aktar żmien biex iwettqu kull organizzazzjoni mill-ġdid fl-aġenziji tal-kontroll tagħhom, li huma meħtieġa biex jikkonformaw mal-ħtieġa li jkun hemm korp wieħed tal-kontroll li jkun responsabbli għall-verifika ta' l-użu u/jew id-destinazzjoni tal-prodotti kollha, tkun minn fejn tkun l-oriġini tagħhom, u li jkunu koperti b'xi miżura speċifika jew parti minnha;

Billi f'ċerti każijiet il-prodotti mill-interventi jinbiegħu bi prezz li jiġi kalkulati billi jitqies l-ammont tar-rimborż applikabbli għall-pajjiżi terzi jew għall-pajjiżi terzi partikolari; billi, għalhekk il-jedd għar-rimborż ta' l-esportazzjonijiet jiġi mnaqqas mill-prezz tal-bejgħ;

Billi, biex jiġi żgurat li l-operazzjoni titlesta kif suppost għandha tiġi depożitata garanzija; billi l-ammont ta' din il-garanzija jiġi kkalkulat billi jitqiesu d-diversi aspetti ta' l-operazzjoni li tkun, b'mod partikolari r-riskju li jkun hemm żvijaż fil-kummerċ u l-konformità sħiħa mal-wegħdi li jkunu ingħataw mill-operaturi;

Billi, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat mill-ġdid il-konsegwenzi tat-tqegħid ta' prodotti mill-intervent fis-swieq tal-pajjiżi terzi minbarra dawk li jkunu maħsuba fiż-żmien ta' l-esportazzjoni;

Billi, biex isir dan, ir-regoli li jiggwidaw ir-rilaxx tal-garanziji li jkunu ġew depożitati fid-destinazzjonijiet ġeografiċi li jkunu attwalment intlaħqu għandhom jiġu adattati, filwaqt li tiġi assigurata l-effettività tal-miżuri adottati għall-bejgħ tal-prodotti mill-interventi; billi, filwaqt li titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet, jidher li jkun possibbli li jsir provvedimenti, fl-livell orizzontali, biss

għar-regoli dwar ir-rilaxx tal-garanzija li jkunu limitati għall-aspett tar-rimborżi ta' l-esportazzjoni;

Billi, għalhekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru ⁽³⁾ għandu jiġi emendat ⁽⁴⁾;

Billi l-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Gestiġni in kwistjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3002/92 qed jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 (1), it-tielet subparagrafu, il-kliem "sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "10 xhur";
2. L-Artikolu 11(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-ħtieġiet stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandhom jikkostitwixxu l-ħtieġiet primarji fis-sens ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 (2) ta' dan ir-Regolament";
3. L-Artikolu 15 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 15

1. Ir-rilaxx tal-garanzija għandu jsir bil-kondizzjoni li tinġieb il-prova msemmija fl-Artikolu 4, u
 - fejn il-prodotti jkunu sa jiġu importati minn pajjiżi terzi speċifiku, jew
 - fejn, f'każi fejn il-prodotti jkunu ser jiġu esportati mill-Komunità, ikunu jeżistu dubji serji dwar id-destinazzjoni vera,

sabiex tinġieb il-prova kif speċifikat fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jitolbu prova addizzjonali sodisfaċenti li l-prodotti jkunu verament tqiegħdu fis-suq tal-pajjiżi terzi li jkun qed jimporta.

Fejn ikun hemm dubji serji dwar id-destinazzjoni vera tal-prodotti, il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istati Membri japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.

⁽¹⁾ ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.

⁽²⁾ ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 301, tas-17.10.1992, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 124, ta' l-20.5.1993, p. 25.

2. Fejn il-prodott ikun sa jiġi importat f'pajjiż terz speċifiku u fejn l-ammont tar-rimborż ikun ġie mnaqqas mill-prezz tal-bejgħ u l-prova rilevanti imsemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx ingābet:

(a) parti mill-garanzja għandha tiġi rilaxxata malli tiġi ppreżentata l-prova li l-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità; l-ammont rilaxxat għandu jkun ugwali għall-anqas rimborż determinat skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 li jkun applikabbli fil-jum li fih id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun ġiet aċċettata;

(b) b'żieda ma' l-ammont imsemmi taħt (a), dik il-parti tal-garanzja li tkun tikkorrispondi mad-differenza bejn ir-rimborż l-aktar baxx imsemmi aktar il fuq u l-ammont tar-rimborż applikabbli fil-jum li fih id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni lill-pajjiż terz tkun ġiet aċċettata, sakemm dan l-ammont ma jaqbiżx l-ammont tar-rimborż

applikabbli għad-destinazzjoni obbligatorja, din għandha tiġi rilaxxata fejn

— l-esportazzjoni lejn il-pajjiż terz imsemmi hawn fuq ma tkunx setgħet issir minħabba każ ta' forza maġġuri u

— il-prova ta' l-importazzjoni fil-pajjiż tad-destinazzjoni l-ieħor tkun tressqet konformi mal-paragrafu 1.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Il-punt 1 ta' l-Artikolu 1 għandu jgħodd mill-1 ta' Lulju 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni